MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 147/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Mercieca)**

**Vs**

**Jean Claude Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Marzu 2003, f'San Pawl il-Bahar :**
**1) ikkommetta serq ta'** ***cigarette vending machine*** **mimlija b'assortiment ta' sigaretti w xi flus, li b'kollox jammontaw ghall-madwar elfejn, mija w tmenin liri Maltin (LM2180), liema serq hu aggravat bil-mezz (Art. 263 (a) tal-Kap. 9), valur (Art. 267), u hin (Art. 270) ghad-dannu tas-socjeta' Central Cigarette Co. Ltd.;**

**2) xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan ai termini ta’ l-Art. 334 tal-Kap. 9;**
**3) volontarjament hassar, ghamel hsara jew xort’ohra gharraq *cigarette vending machine* nru. Tas-serje 73351, liema hsara tammonta ghal elf u erba’ mitt lira Maltin (LM1400) ghad-dannu tas-socjeta’ Central Cigarette Company Ltd (Art. 325(1)(a) tal-Kap. 9);**
**4) talli huwa recidiv b’diversi sentenzi definittivi tal-Qrati Maltin datati 2 ta’ Settembru, 1992; 17 ta’ Marzu, 1993; 19 ta’ Frar, 1997; 24 t’Ottubru, 1997; 6 ta’ Marzu, 1998; 16 ta’ Marzu, 2001, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Gunju, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 31, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 334 u 325, ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni akkuza li kienet wahda alternattiva u tat-tielet u r-raba akkuza izda sabitu hati ta’ l-akkuza l-ohra ta’ serq aggravat w ikkundannatu ghaxar xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta’ Lulju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lil esponent mhux hati tar-reati ta’ hsara volontarja, ricettazzjoni w li ma kienx recidiv u thassar u tikkancella dik il-parti fejn sabitu hati ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz, valur, u hin u kkundannatu ghall-prigunerija ghal zmien ghaxar xhur u minflok tilliberah minn kull htija w piena, jew alternattivament tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti u cioe’:- 1 illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi meta sabithu hatu ta’ serq u dan peress illi mill-provi prodotti wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta’ serq kien nieqes . Ma**

**giex pruvat li r-*res furtiva* kienet proprjeta' ta' terzi anzi jirrizulta li fil-mument li l-esponent sab din il-magna din kienet abbandunata L-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra l-magna bhala *res derelicta* . Illi mic-cirkostanzi li l-appellant sab il-magna fihom , hu kien gustifikat illi jqis dan l-oggett bhala mormi . 2. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabet lill-appellant hati ta' serq kwalifikat bil-mezz u l-valur u dan ghax zgur ma hemmx l-aggravju tal-mezz skond l-artikolu 263 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta . Dwar il-kwalifika tal-valur, meta instab l-oggett dan kien mormi w mkisser u ghalhekk ma setax jitqies li hu seraq oggett li kellu valur in eccess ta' LM1000. 3. Il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

Illi dwar l-ewwel aggravju , l-fatti jidhru li kienu s-segwenti :- L-appellant kien mar f' post imwarrab fil-Qawra ma tfajla fil-car HAK 162 . Meta wasal, ra xi zaghzagh jaharbu jigru minn fuq il-post u meta mar jara x'kien gara, ra magna tas-sigarretti fil-*parking area* u din kien fiha xi hsarat . Ghabbiha fil-car u hadha d-dar tieghu fejn kompla jipprova jisgassha biex jiehu xi sigarretti minnha. Sussegwentement l-impjegat tac-Central Cigarette Company Limited , proprjetarja tal-istess magna fethu bi sgass il-magna u sabu li minnha kien hemm neqsin 56 pakkett sigaretti w LM8.70c. Il-magna kienet tiswa LM1400 gdida u fiha nstabu sigarretti b'valur ta' LM655 piu' Lm70 . L-ewwel Qorti ikkonkludiet li fuq dawn il-fatti kien jikkonfigura r-reat ta' serq kwalifikat u mhux dak ta' ricettazzjoni.

**Id-difiza tissottometti li hawn si trattava ta' sejbien ta' "*res derelicta*" u ghalhekk ma kienx hemm wiehed mill-elementi tas-serq u cioe' dak tal- *"cosa altrui*"**

**ghax il-magna kienet *"res nullius*". L-Ewwel Qorti ma qablitx ma dan l-argument u lanqas din il-Qorti ma tista' tabbraccjah.**

**Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fil-kawza** " REX vs. WILLIAM LEATHAM **" [1.7.1941] (HARDING J. - "Recent Criminal Cases Annotated" p. 33 et seq.), fejn il-fattispecji kienu kwazi identici ghal dan il-kaz, skond il-gurisprudenza nostrana, kull min jiehu l-pussess ta' oggett li jsib mitluq taht cirkostanzi li jindikaw li dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u li ma kienx gie abbandunat minn sidu , i.e. li ma jkunx *res nullius* jew *res derelicta* , ikun hati tar-reat ta' serq. (ara ukoll appelli kriminali** "Il-Pulizija vs. Spiteri **[22.10.1902]; "**Il-Pulizija vs. Filippo Magri **" [6.2.1909]**; "Rex vs. Williams**" [4.11.1941] u ohrajn).**

Fil-kaz ta' Leatham , l-akkuzat kien sab kwantita' ta' laned tal-preserve li kienu jiswew aktar minn ghaxar liri mitluqin fuq il-bankina. Kien pero' rrizulta li dawn kien ghadhom kif insterqu minn hanut li kien gie milqut mill-bombi tal-ghadu w dawn il-laned kienu gew identifikati minn sid il-hanut aktar tard bhala dawk li kienu insterqulu. Il-Qorti , in ommagg tal-principju fuq enuncjat, kienet sabitu hati tar-reat ta' serq kwalifikat.

**Issa fil-kaz in ezami , anki jekk jitwemmen l-appellant dwar ic-cirkostanzi tas-sejbien tal-magna tas-sigarretti , jidher car li hu qatt ma seta' jassumi li din il-magna ma kienet tappartjeni lil hadd. Fl-ewwel lok il-fatt li ra xi zaghzagh jaharbu jigru minn fuq il-post u li sab zewg tornaviti hdejha diga' messu nebbhu li kien hemm xi haga suspettuza in konnessjoni ma din il-magna w li din kienet misruqa w migjuba hemm kontra l-volonta' ta' sidha. Magna tas-sigarretti mhux normali li tigi *pparkjata* f'"parking lot" u li l-fatt li hu ra liz-zaghzagh jaharbu minn hemm , post mudlam u mwarrab, u warajhom isib dak li sab, f'persuna ta' dixxerniment normali kien iqajjem suspett qawwi li l-oggett in kwistjoni kien gie misruq. Hadd ma seta' jassumi li magna tas-sigarretti , x'aktarx mimlija, ser tigi mormija hemm. Tant l-appellant ma assumiex dan**

**li hu stess hass li din seta' jkun fiha xi kontenut utili ghalih u hass li ghandu jasportha w johodha gewwa daru halli jara x'jista' jkompli jiehu minn go fiha. F'dawn ic-cirkostanzi ma seta' qatt jemmen li l-magna ma kienet ta' hadd u li kienet *res nullius* . Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint bhala infondat.**

**L-aggravju li ma tirrizultax l-kwalifika tal-mezz huwa ukoll infondat ghax l-appellant jammetti li hu ukoll a sua volta pprova jisgassa l-istess magna tas-sigarretti biex jiehu dak li kien hemm go fiha. Di fatti fid-definizzjoni tal-kwalifika tal-mezz hemm inkluz il-"*ksur ta' gewwa u ta' barra"* (Art. 263 (a) ) u taht il-kelma "ksur" jidhlu kull ksur "*ta' qofol, katnazz …jew ta' mezzi ohra bhal dawn li qeghdin sabiex…. isakkru jew jerfghu fiz-zgur hwejjeg jew oggetti ohra f' kaxex , fi sniedaq, f'armarjijiet jew recipjenti ohra , u kull ksur ta' kaxxa , senduq jew recipjent iehor , sahansitra jekk dan il-ksur ma jsirx fil-lok fejn ikun sar is-serq."* (art. 264(1) tal-Kap.9).**

**Illi dwar l-aggravju tal-valur, jirrizulta abbondantement li l-kaxxa bis-sigaretti u flus li kien ghad hemm go fiha , kellhom valur li komplessivament jeccedi l-elf lira Maltin u ma jirrizultax li l-kaxxa kienet imkissra u sgassata kompletament kif jissottometti l-appellant fir-rikors tieghu. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li ghandha tissostitwixxi l-apprezzament ta' fatt f'dar-rigward li ghamlet l-Ewwel Qorti. Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.**

**Ma hemmx aggravju dwar il-kwalifika tal-hin ghalkemm hemm talba fir-rikors ghar-revoka ta' din l-kwalifika ukoll. Bhala fatt tirrizulta manifestament din il-kwalifika . Pero' f' kull kaz , din il-Qorti tista' tiehu biss konjizzjoni tal-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell skond gurisprudenza kostanti . Ghalhekk din it-talba qed tigi respinta.**

**Illi dwar il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-**

**ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi li skond l-artikolu 278 tippreskrivi piena ta' prigunerija ghal zmien minn seba xhur sa erba snin, billi meta s-serq ikun akkompanjat mill-kwalifika tal-mezz u minn tnejn jew izjed mill-kwalifiki ohra, din ghandha tizdied bi grad u m'ghandhiex tinghata fil-minimu taghha. Ghalhekk dana konsidrat u konsidrata l-fedina penali tal-appellant, il-Qorti ma tarax li hemm lok ghal xi temperament fil-piena.**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------